

# Mro. Ferdinando Camilleri 1859 - 1942

## 150 Sena mit-Twelid tas-Surmast Fundatur

Kitba ta' Herbert Naudi



Din is-sena jaħbat għeluq il-mija u ħamsin sena mit-twelid tas-Surmast Ferdinando Giuseppe Giovanni Camilleri, bin il-mużiċist ta' fama Mrp. Vincenzo Camilleri u Grazzja mwielda Fava. Huwa twieled Ħal-Luqa nhar il-Ġimgħa 30 ta' April 1859, jiġi wkoll hu s-surmastrijiet Neriku u Gavino. Ferdinando għex, ħadem u rabba familja f'Tas-Sliema.

Sa minn ċkunitu Ferdinando studja l-flawt u l-vjolin g_and Vincenzo u l-armonija u l-kompożizzjoni l-ewwel għand ħuh Nerik u mbagħad mingħand Patri Giuseppe Spiteri Fremond. Huwa kien għal tletin sena l-Prim Flawt tal-Opra fit-Teatru Rjali ta' Malta u xi drabi ġie mistieden biex idoqq fit-Teatru Covent Garden ta' Londra. Mro. Camilleri kiteb bosta mużika sagra u mużika profana għall-banda. Iż-żewġ quddisiet "Stella Maris" u "San Gaetano" miktubin għaż-żewġ parroċċi, jiġifieri ta' Tas-Sliema u tal-Ħamrun, irnexxew wisq. Il-quddiesa "Stella Maris" ġiet approvata mill-Kummissjoni Vatikana tal-Mużika Sagra b'ittra miktuba u ffirmata minn Monsinjur Respighi, wieħed mill-membri tal-Kummissjoni. Il-quddiesa "San Gaetano", wara li kienet eżaminata ġiet approvata mill-Kummissjoni mwaqqfa mill-Arċisqof Mauro Caruana O.S.B. Din ġiet iddedikata mill-Kompożitur lill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissimu Mons. Arċisqof.

Fil-Karriera tiegħu Ferdinando kien ukoll Surmast Direttur tal-baned La Pace tan-Naxxar, Nicolo' Isouard tal-Mosta, Duke of Connaught u Sant' Elena ta' B'kara. Flimkien ma' ħuh Gavino mexxa l-Banda Unjoni ta' Ħal-Luqa. Mastru Dandu kif kien magħruf, huwa missier il-baned Slimiżi. Għalhekk naraw l-istorja tal-baned f'Tas-Sliema toħodna lura sas-sena 1886 meta f'din is-sena twaqqfet l-ewwel banda fix-Xatt ta' tas-Sliema kantuniera ma' Triq it-Torri f'numru 1/a fejn qabel kien hemm il-ħanut ta' Axisa, imbagħad inbena t-Teatru Alhambra li issa huwa stabbiliment tal-ħwejjeġ. F'dal-post kien fetaħ Każin bl-isem ta' Circolo Ceschi, u l-banda kienet iġġib l-isem ta' 'I Cavalieri di Malta'. Il-Banda ssieħbet ma' dan il-Każin bis-saħħa tas-Surmast Ferdinando Camilleri, il-ħażin ġie inawgurat nhar il-Ħadd 18 ta' Lulju 1886, u l-banda esegwiet l-ewwel programm mużikali tagħha fix-Xatt ta' Tas-Sliema quddiem l-istess Każin fis-26 ta' Settembru, 1886. Din il-Banda qanqlet festi kbar f'Tas-Sliema u malajr għamlet isem tant li ġiet mistiedna biex iddoqq barra Tas-Sliema. Kienet din il-Banda li fl-1891 akkumpanjat l-istatwa l-ġdida ta' Marija Kewkba tal-Baħar sal-Knisja Parrokkjali meta waslet f'Tas-Sliema minn Pariġi.

Banda oħra li twaqqfet f'Tas-Sliema kienet il-Banda Melita fis-sena 1899 u l-istess Surmast Direttur tagħha kien s-Surmast Camilleri. Wara li san iż-żewġ baned spiċċaw fix-xejn, Mro. Camilleri kompla jħeġġeġ it-twaqqif ta' Banda oħra u rnexxielu ghat-tielet darba jwaqqaf il-Banda "Queen Victoria" fis-sena 1904. Din kienet banda popolari u ta' kultura kbira li kienet tħabbatha mal-aqwa baned ta' żmienha, formalissima u numeruża, iżda sfortunatament wara xi żmien sfat fix-xejn.

Kien hemm spazju ta' ħemda ta' ħames snin, iżda dan iż-żmien donnu sewa biex aktar 'il quddiem tinbena' banda ġdida fuq sisien sodi. Għalkemm sfortunat, fir-rigward ta' dawn il-baned, Ferdinando ma' qatax qalbu u ħeġġeġ kemm felaħ lill-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Vinċenz Manchè, kif ukoll lill-bandisti li kien fadal mill-baned ta' qabel, fl-aħħar irnexxielu jgħaqqad il-Banda Stella Maris. Dan seħħ fis-16 ta' Marzu 1914, u għaldaqstant Mro. Camilleri kien l-ewwel Surmast tal-Banda Stella Maris u dam Surmast tagħha sas-sena 1928. L-ewwel darba li daqqet il-banda kienet għall-festa ta' Stella Maris f'Awwissu 1914, u esegwiet marċi mat-toroq tal-parroċċa kif ukoll programm mużikali fix-Xatt ta' Tas-Sliema u quddiem il-



Knisja Parrokkjali. Fil-programm li għamlet fix-Xatt indaqq l-Innu "A Maria Vergine Stella Del Mare" ta' Mro. Camilleri stess.

Dan l-Innu li l-kliem tiegħu huma bit-Taljan fuq versi ta' Mons Paolo Vella Mangion, kien indaqq l-ewwel darba fl-1906 mill-Banda Queen Victoria. Fl-ewwel darba li ndaqq mill-Banda Stella Maris dan l-Innu tkanta mill-kor tat-tfal tas-Soċjetà bl-isem 'Filarmonica Corale'.

Taħt it-tmexxija tas-Surmast Ferdinando Camilleri, l-Banda Stella Maris saret fi ftit żmien ferm popolari ma' Malta kollha u kienet tiġi mistiedna biex iddoqq fil-bliet u irħula Maltin. Daqqet ukoll tliet darbiet barra minn Malta, f'Noto għall Festa ta' San Corrado. Ferdinando kiteb ħafna mużika għall-Knisja ta' Stella Maris fosthom l-antifona, filwaqt li għall-banda Stella Maris kienet bosta sinfoniji, marċi kif ukoll l-Innu tas-Soċjetà bl-isem 'Alla Filarmonica Stella Maris'




*Ferdinando Camilleri flimkien mal-Banda I Cavalieri di Malta fl-1914*

**Xi xogħol ewlieni li kiteb dan il-bravu Surmast jinkludi :**

**1874** La Speranza Polka Nru 1
**1874** Galop
**1881** Is-Sinfonija Nru 6 'La Rivista
Is-Sinfonija Nru 3 'L'Astro d'Argento'
**1882** Gloria in Excelsis
**1883** Kyrie' u 'Gloria' għall-okkażjoni tal-ewwel quddiesa ta' Dun Indri Mifsud
**1885** Innu lill-Madonna taċ-ċintura b'versi ta' Franġisk Azzopardi minn Ħal-Luqa
**1990** O salutaris Hostia' li ndaqqet nhar l-24 ta' Marzu

**Innijiet u Antifoni** – Manum Suum; Virgo Prudentissima; Prudens et Vigilans ; Antifona Sant'Elena ; Antifona Santa Katerina ; Antifona Sant'Andrija ; Innu O Tfjala Immakulata u Ngħannulek bil-ħlewwa għall-Parroċċa tan-Naxxar.

Fost ix-xogħolijiet li kiteb għall-orkestra kiteb is-Sinfonija Nru 4 'Un Raggio di Luce'. Din is-sinfonija ġiet esegwita fit-Teatru Manoel fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Ajruport il-ġdid. Impossibli li f'dan l-artiklu indaħħal ix-xogħol kollu ta' dan is-surmast hekk bravu bravu iżda ppruvajt nagħti ħjiel.

Mro.Ferdinando Camilleri miet f'daru f'Tas-Sliema fl-ghomor ta' 83 sena nhar il-Ħadd 8 ta' Marzu 1942. Il-funeral tiegħu sar l-għada fil-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor. Naturalment il-funeral tiegħu ma setax isir fil-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Stella Maris, għax din kienet iġġarrfet ftit jiem qabel fil-ħbit mill-ajru wat it-Tieni Gwerra Dinjija u kienet magħluqa proviżorjament sakemm saret it-tiswija meħtieġa. Tajjeb li wieħed jgħid li l-wirt mużikali tiegħu, bis-saħħa tal-familja tiegħu ngħata lill-Arkivju Mużikali tal-Katidral. Għalkemm il-Parroċċa ta' Stella Maris tħossha kburija għall-fatt li l-mużika li Mro. Ferdinando Camilleri u ibnu Giuseppe kitbu għall-istess knisja saru propjetà tagħha, grazzi dejjem għall-ġenerożità tal-familja Camilleri. Hija ħasra li f'Tas-Sliema għadha ma ssemmietx triq għalih, forsi fl-aħħar jingħata ġieħ lil min jistħoqqlu.

***Riferenzi*** -
R. Mifsud Bonnici – Mużiċisti u Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-bieraħ u tal-lum.
Arkivju Soċ. Fil. Stella Maris
Rivista Soċ. Fil. Unjoni – Ħal-Luqa
Tagħrif mogħti lili minn Mro. Giuseppe Camilleri.
Tagħrif ġenerali meħud mill-ktieb tal-istess awtur "Il-Banda Stella Maris Tas-Sliema – Djarju u ħjiel ta' l-istorja tagħha"